MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 394/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anna Marie Micallef)**
**Vs**
**Stefano Persiano**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Stefano Persiano [detentur tal-karta tal-identita` numru 392586 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-21 ta' Jannar, 2010, ghal habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl (23:30hrs), gewwa x-Xatt ta' Tax-Xbiex, Ta' Xbiex:

1. Ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sandra k/a Alexandra Cauchi u dank if iccertifikat minn Dr. Agnes Cachia Pickald M.D. t' l-Isptar Mater Dei;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li tgha fastidju lil Sandra k/a

Alexandra Cauchi, b'mod li kien jaf, jew missu kien jaf li b'ghemilu kien ta' fastidju lill-istess persuna imsemmija;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil Sandra k/a Alexandra Cauchi, biza' li ser issir vjolenza fuq persuntha jew il-propjeta` taghha;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja u/jew hedded lil Sandra k/a Alexandra Cauchi bil-kliem;

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kwiet tal-paci pubblika bl-ghajjat u glied;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 214, 215, 218(1)(a), 251A, 251B, 339(d), 338(dd) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal zmien tlett snin.
Il-Qorti wissiet lill-appellat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.
Wara li rat l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Sandra k/a Alessandra Cauchi ghal zmien tlett snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 ta' Awwissu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Stefano Persiano hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tbiddilha fil-parti tal-piena billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghal sentenza ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal tlett snin, u minflok teroga piena ta' prigunerija effettiva kontra l-appellat

Stefano Persiano u dan skond il-ligi u l-gurisprudenza citata.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fit-26 ta’ Lulju 2012, l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawa u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maisfrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali erogat piena li hija manifestament non-idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz u l-konsegwenzi naxxenti mir-reat imwettaq. Ghalkemm il-paragun huwa odju, huwa dejjem desiderabbli li l-Qrati Penali juru certa uniformita’ fil-pieni li jaghtu. Fil-kaz odjem, izda, harsa lejn il-gurisprudenza in materia turi kemm il-piena erogata fil-konfront ta’ l-appellat Stefano Persiario kienet miti wisq.

Illi l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell inter alia a bazi ta’ dak li jipprovdi l-
artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-Qorti tat sentenza ta’ prigunerija sospiza, meta minn studju akkurat tal-gurisprudenza johrog ben car illi huwa prinipju regolatur li aggressur li jikkommetti reat fuq il-persuna tal-vittma, qatt m’ghandu jibbenifika minn sentenza ta’ pniunerija sospiza.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pullzija vs. Alexander Micallef, deciza minn din l-Onorabbli Qorti (per Onor. Imhallef David Scicluna) fl-14 ta’ Ottubru 2009, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi:

*“Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta’ vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dik ta’ priunerija b’effett immediat. Ii-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta’ quddiem biex b’mod deciziv jirripristinaw l-ordni*

*pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika".*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Louis Fenech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri (per Onor. Prim-Imhallef Vincent DeGaetano, Onor. Imhailef Joseph Filletti u Onor. Imhallef David Scicluna) fit-13 ta' Ottubru 2005, il-Qorti rritjeniet:

*'Bhala regola, atti ta' vjolenza fuq il-persuna ghandhom iwasslu ghall-piena ta' prigunerija b'effett immedjat'.*

F'sentenza ohra, fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Noel Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri (per Onor. Prim-Imhallef Vincent DeGaetano, Onor. Imhallef Joseph Filletti u Onor. lmhallef David Scicluna) fil-15 ta' Dicembru 2005, il-Qorti sostniet:

*'Din il-Qorti... kellha wkoll diversi okkazjonijiet tesprimi ruhha fis-sens li l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat.......Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni tai-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena '.*

Illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kienet cara u kategorika fis-sentenzi taghha dwar in-nuqqas tal-applikazzjoni ta' l-artikolu 28(A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'kawzi li jirrigwardjaw atti ta' vjolenza fuq il-persuna.

Illi fil-kaz de quo huwa pacifiku u nkontestat li l-vittma Sandra sive Alexandra Cauchi soffriet griehi fi spallitha u sidirha in konsegwenza tar-reati kommessi mill-appellat Stefano Persiano.

Kwindi, meta wiehed jara l-atti processwali u japplika l-artikoli tal-ligi u l-kazistika nostrana dwar is-suggett, ma hemm ebda dubju li l-appellat jimmerita sentenza ta' priunerija effettiva, dan ghal fatt li r-reati mwettqa mill-appellat, liema reati, l-appellat ammetta ghalihom kollha inkondizjonatament, huma ta' natura gravi tant li hallew

effett permanenti fuq il-gisem tal-vittma. Ghaldaqstant sentenza ta' prigunerija sospia mhix proporzjonata mar-reati kommessi u mal-konsegwenzi gravi prodotti, u hija wisq miti fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghandu jinghad ukoll li l-imputat appellat irregistra l-ammissjoni tieghu fi stadju avvanzat hafna ta' dawn il-proceduri u kien biss wara li l-prosekuzzjoni kienet resqet il-magor parti tax-xhieda taghha li l-appellat iddecieda li jammetti htijietu. Inoltre, ghalkemm il-fedina penali tieghu rnhix xi wahda refrattarja jew allarmanti, l-agir aggressiv u anti-socjali muri f'dan il-kaz, niente di meno che fuq il-persuna ta' l-ex mahbuba tieghu ma jimmilita xejn favur piena daqshekk klementi fil-konfront tieghu.

L-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mhix idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-ġurisprudenza turi li l-piena erogata kienet mita wisq.

L-Avukat Ġenerali intavola l-appell a bażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kap 9. L-aggressur li jikkommetti reat fuq il-persuna tal-vittma qatt m'għandu jibbenefika minn sentenza ta' priġunerija sospiża.

L-Avukat Ġenerali rrefera għal diversi kawżi fosthom 'Il-Pulizija verus Alexander Micallef' tal-14 t'Ottubru, 2009, 'Ir-Repubblika ta'Malta vs Louis Fenech (Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri) tat-13 t'Ottubru 2005 u ir-Repubblika ta' Malta vs Noel Mizzi (Qorti tal-Appell Kriminali Superjujri) tal-15 ta' Diċembru 2005. F'dawn it-tliet sentenzi, il-Qrati kollha esprimew il-fehma li:

'Bħala regola, att ta' vjolenza fuq il-persuna għandhom iwasslu għall-piena ta' priġunerija b'effett immedjat.'

M'hemmx kontestazzjoni li l-vittma sofriet ġrieħi fi spallitha u sidirha bħala konsegwenza tar-reat u dawn l-effetti huma permanenti. Għalhekk, ġaladarba, l-imputat ammetta għar-reati kollha, il-piena għandha tkun waħda effettiva.

L-Avukat Ġenerali ssottometta wkoll li l-ammissjoni tal-imputat saret wara li l-Prosekuzzjoni kienet tellgħet ħafna xhieda.

Għalhekk l-Avukat Ġenerali talab li s-sentenza tkun riformata billi tkun ikkonfermata f'dik il-parti fejn l-imputat instab ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih iżda tibdilha u tirriformaha f'dik il-parti tal-piena billi tirrevokaha f'ddik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat għal sentenza ta' priġunerija ta' sentejn sospiżi għal tliet snin u minflok teroga piena ta' priġunerija effettiva.

L-appellat min-naħa tiegħu ppreżenta nota responsiva fejn huwa ssottometta li l-ammissjoni tiegħu saret meta l-uffiċjal prosekutur kien qara l-akkużi mill-ġdid.

Huwa ssottometta li ma jaqbel xejn mat-talba tal-Avukat Ġenerali għat-tibdil fil-piena u talab li tkun konfermata s-sentenza fl-intier tagħha.

L-appellat żied li l-Avukat Ġenerali kien qed jibbaża l-appell tiegħu fuq l-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kap 9. Isegwi li l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa wieħed irrit u null u bla bażi għaliex l-imputat f'ebda ħin ma kien liberat minn xi akkuża u għalhekk din id-dispożizzjoni tal-Liġi ma treġix fil-konfront tal-appellat. L-appell tal-Avukat Ġenerali ma jinkwadrax fil-parametri tad-dritt mogħti lilu skont l-artikolu ċitat.

Lanqas jekk l-Avukat Ġenerali kellu fi ħsiebu l-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kap 9, l-appellat jissottometti li lanqas dan is-subinċiż ma japplika għall-każ għaliex il-Qorti ma għamlet ebda żball fis-sentenza tagħha meta ġiet biex teroga l-piena. Biex jirnexxi appell bbażat fuq dan is-subinċiż, irid jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Qorti Inferjuri kienet ta' xorta differenti minn dik stabbilita fil-Liġi, jew li l-piena kienet taħt il-minimu, jew ma keinx applikat korrettement l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Hawn l-appelalt irrefera għall-każ 'Il-Pulizija versus John Azzopardi u Andy Calleja' deċiża fit-30 ta' Settembru 1998

kif ukoll għas-sentenza ‘Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb et’ tas-16 ta’ Diċembru 1998.

L-appellat issottmetta wkoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Hawn l-appellat irrefera għal diversi sentenzi ‘Il-Pulizija vs Geraldu Muscat’ (2 ta’ Mejju 1997), ‘Il-Pulizija vs Amadeo Brincat et’ (6 ta’ Ġunju 1999), ‘Il-Pulizija vs Emmanuel Calleja’ (6 ta’ Jannar 1997), ‘Il-Pulizija vs Mary Grace Muscat’ (20 ta’ Novembru 1996), ‘Il-Pulizija versus Frank Zahra’ (20 ta’ Noembru, 1996), ‘Il-Pulizija vs Mark Pisani et’ (9 t’April, 1999), u ‘Il-Pulizija vs James Guillaimier’ deċiża fit-12 t’a Frar 1999. Dawn kollha jimxu mal-prinċipju li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti iżda tagħmel eżami approfondit tal-istess fatti biex tara jekk dik il-Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għal dik id-deċiżjoni.

Lanqas ma qabel ma’ dak li qal l-Avukat Ġenerali li hemm xi prinċipju assodat li l-aggressur li jikkometti reat fuq il-persuna tal-vittma qatt m’għandu jibbenefika minn sentenza ta’ priġunerija sospiża. Dwar dan huwa rrefera għas-sentenza ‘Il-Pulizija versus Josef Galea’ (deċiża fid-29 ta’ Settembru, 2009)[1] fejn il-Qorti sabet lill-appellant li kkaġuna ferita ta’ natura gravi permezz ta’sikkina, il-Qorti kienet illiberatu taħt il-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor għal perjodu ta’ sena. L-appellat irrefera wkoll għall-każi ‘Il-Pulizija versus Mark Ryan’ tas-16 ta’ Jannar 1998 u ‘Il-Pulizija versus Sandro Maggi’ (Qorti tal-Maġistrati) fl-1 t’April, 2008.

Fuq kollox, il-Qorti tal-Maġistrati kienet ħadet iċ-ċirkostanzi kollha relevanti fosthom l-ammissjoni li għamel l-appellat kif ukoll li wera li kien iddispjaċih għal dak li li kien għamel.

Ikkonsidrat

## 1. Fatti

[1] L-indikazzjoni tad-data hija ħażina. Fil-fatt flok is-sena 2009, għandha tidher is-sena 2010. Irid jingħad ukoll li dan ma kienx appell tal-Avukat Ġenerali iżda tal-imputat.

L-ewwelnett il-Qorti qrat il-proċess kollu kemm hu. Ikkonsidrat b'mod speċjali x'qalet il-vittma, iċ-ċertifikati li ppreżentat (fol 31 et seq) kif ukoll ir-ritratti (fol 45).. Hija qalet li l-effetti fuq spallejha huma għal għomorha. Huwa baqa' jagħtiha fuq sidirha anke meta kienet mal-art. Kien ukoll qabdilha rasha u beda jħabbathiela mal-bieba tal-karozza (fol 14). Imbagħad ipprova jgħannaqha u qalilha li kien qed jagħmel hekk biex jgħidilha li kien qed jiddispjaċih. (fol 26).

Il-Qorti eżaminat ukoll dak li xehdet id-dottoressa Agnes Cachia li kkonfermat li mill-X Rays ma kienx jirriżulta li kien hemm xi ksur la fir-ras u lanqas fis-sider. Rat ukoll dak li xehed Mr Alex Attard (fol 113) li kien eżamina lill-vittma minħabba li din tal-aħaħr kienet qed tgħid li qed issofri uġigħ f'sidirha tax-xellug u fi spalleja tax-xellug. Huwa sab tbenġil fuq is-sider u limitazzjonijiet fl-użu ta' spallejha. Hawnhekk huwa rreferieha lil Mr.A. Gatt, Orthopaedic Surgeon.

**2. Konsiderazzjonijiet ta' Liġi**

**(2.1) Id-Dritt tal-Appell tal-Avukat Ġenerali.**

L-artikolu 413 tal-Kap 9 jiddisponi hekk:

**413.** (1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati -
(*a*) il-persuna misjuba ħatja;
(*b*) f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-
Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u,
fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:
(i) l-qorti inferjuri taqta' li ma jkollha ebda ġurisdizzjoni li tittratta r-reat;
(ii) il-fatt li dwaru jkun instab ħati l-imputat jista' jinkorri piena li tkun teċċedi l-ġurisdizzjoni ta'
dik il-qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali;
<u>(iii) il-piena mogħtija mill-qorti inferjuri tkun, minħabba fix-xorta jew kwantità tagħha,differenti minn dik preskritta bil-</u>

liġi għar-reat li dwaru l-parti misjuba ħatja tkun ingħatat sentenza;
**(iv) l-imputat jew l-intimat jiġi liberat minħabba f'li -**
**(*i*)l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat,**
**(*ii*)l-azzjoni tiġi estinta,**
**(*iii*)ikun hemm sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni preċedenti;**
(v) l-intimat, f'każ li fih ikun ġie permess li jipprova l-verità tal-fatt attribwit lill-kwerelant skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 253, jiġi dikjarat bħala eżenti mill-piena;
(vi) il-Pulizija, jew, skont il-każ, il-kwerelant ma jkunx ġie permess waqt il-kawża li jipproduċi,
b'appoġġ għall-akkuża, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-liġi;

(vii) il-parti akkużata kienet inħelset minn xi waħda mill-obbligazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 321
tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jew fl-artikolu 377 ta' dan il-Kodiċi, jew mill-osservanza ta' xi
projbizzjoni magħmula, jew mill-osservanza jew mill-esekuzzjoni ta' xi projbizzjoni jew ordnijiet
magħmula jew mogħtija, mill-pulizija jew minn kull uffiċjal pubbliku ieħor, taħt il-Kodiċi tal-
Liġijiet tal-Pulizija jew taħt kull liġi oħra;

*(ċ) fil-każijiet l-oħra kollha, l-Avukat Ġenerali.'*

L-Avukat Ġenerali bbaża l-appell tiegħu fuq is-subinċiż 413 (1) (b)(iv) – immarkat b'ittri grassi. Id-difiża kienet korretta meta ssottomettiet li ebda wie]ed minn dawn is-sub-paragrafi ma jgħodd għal każ odjern.

Id-difiża imbagħad ipprospettat li l-Avukat Ġenerali seta' kellu f'moħħu l-paragrafu 413(1)(b)(iii) u kkwotat is-sentenza 'Il-Pulizija vs John Azzopardi u Andy Calleja' tat-30 ta' Settembru, 1998 li qalet li l-Avukat Ġenerali ma jistax jinvoka l-artikolu 413(1)(b)(iii) biex jikkontesta d-diskrezzjoni leġittimament imħollija f'idejn l-Ewwel Qorti.'

Il-Qorti eżaminat dan is-subinċiż ukoll. Il-paragrafu jidher **<u>sottolineat</u>** biss aktar 'il fuq. Fil-fehma tal-Qorti lanqas dan ma jissusisti. Filfatt, matul is-sottomissjonijiet orali, il-Prosekuzzjoni nnota li l-piena kienet fil-parametri tal-liġi u rrimetta ruħu għall-appell.

Biss il-Qorti innutat li l-proċeduri f'dan il-proċess ma kinux jaqgħu taħt l-atikolu 370 tal-Kap 9. Filfatt il-proċess kien fil-fażi tal-istruttorja u matul il-proċeduri kienu nstemgħu diversi xhieda. F'każijiet bħal dawn jgħodd l-artikolu 413 (1)(ċ) li jidher aktar 'il fuq ***fil-korsiv.*** Dan il-paragrafu jagħti lill-Avukat Ġenerali dritt aktar wiesa' li jappella mid-drittijiet limitati meta l-każ ikun wieħed fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati.

Il-Qorti għalhekk qed tikkonkludi li l-Avukat Ġenerali kellu dritt ta' appell f'dan il-każ.

**(2.2) Meta saret l-ammissjoni mill-appellat.**

L-Avukat Ġenerali jissottometti li l-ammissjoni ma kenitx saret mal-ewwel.

Il-Qorti eżaminat il-proċess u skpriet li l-każ beda fit-30 ta' Ġunju 2010 meta ma sar xejn. Kompliet fl-4 t'Ottubru 2010 fejn xehdu PS 240 Brian Camilleri, WPS 206 Fleur Borg u Sandra Cauchi (l-allegata vittma).

Fit-8 ta' Novembru, 2010 l-Avukat Ġenerali ippreżenta rikors biex jingħata żmien ieħor biex jiddeċiedi jekk għandux iġib 'il quddiem dan l-att tal-akkuża.

Fil-15 ta' Novembru 2010, wara rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija ma sar xejn.

Fis-17 ta' Novembru, 2010, l-Avukat Ġenerali reġa' għamel rikors biex jitlob ħmistax-il jum ieħor ħalli jara għandux iġib 'il quddiem l-Att tal-Akkuża.

Fis-27 ta' Diċembru, 2010 il-Qorti ma setgħet tagħmel xejn.

Fit-12 ta' Jannar 2011, l-Uffiċjal Prosekutur reġa' għamel rikors għal differiment għax kien imsiefer.

Fl-14 ta' Frar 2011, l-Avukat Ġenerali reġa' għamel rikors biex jingħatawlu ħmistax-il jum ieħor ħalli jara jġibx l-Att tal-akkuża 'il quddiem.

Fit-23 ta' Frar 2011, l-Uffiċjal Proskeutur qara mill-ġdid l-akkuża bil-ġurament u reġa' sar l-eżami tal-imputat. Min-naħa l-oħra d-difiża ddikjarat li ma kienx hemm ħtieġa li jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li diġa' nstemgħu.

Fis-6 t'April, 2011 xehdet Sandra Cauchi minħabba li l-Qorti riedet ara fhiex keient saħħet l-allegata vittma. F'dan il-jum hija kienet għadha għaddejja bit-terapija.

**Fit-13 t'April, 2011, l-imputat irreġistra ammissjoni (fol 74)**

Fil-25 ta' Mejju, 2011, l-avukat difensur talab differiment għax kien ser ikun involut f'ġuri. (fol 83).
Fit-8 ta' Ġunju 2011, l-imputat ma deherx.

Fl-20 ta' Lulju 2011 ma deher ħadd.

Fil-31 t'Awwissu, 2011 il-kawża kienet differita għat-12 t'Ottubru, 2011.

Filt-12 t'Ottubru, 2011, il-Prosekuzzjoni talbet differiment għax kienet ser tkun imsiefra.

**Fit-23 ta' Novembru 2011, l-imputat irriafferma l-ammissjoni minnu reġistrata fit-13 t'April, 2011 (fol 101).**

Fit-28 ta' Diċembru, 2011 il-kawża ġiet differita għat-8 ta' Frar, 2011.

Fit-8 ta' Frar 2012, l-imputat ma deherx iżda xorta xehdet Dr Agnes Cachia.

Fil-21 ta' Marzu 2012, l-imputat reġa' ma deherx iżda l-Qorti xorta ordnat li jinstema' il-konsulent  Alex Attard.

Fit-30 t'April, 2012 l-avukat difensur talab differiment għax kien ser ikun imsiefer.

Fit-28 ta' Mejju 2012, bi svista ma kinux ġew rinvijati l-atti lill-Avukat Ġenerali.

Fil-11 ta' Ġunju 2012, l-Qorti nnutat li l-atti kienu monki minħabba li ma nżammx it-terminu tar-inviju.

**Fit-18 ta' Lulju, 2012 l-Uffiċjal Prosekutur qara l-akkuża bil-ġurament u reġa' sar l-eżami mill-ġdid tal-imputat.  Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli jerġgħu jinstemgħu x-xhieda mill-ġdid.  F'dan l-istadju l-imputat irreġistra ammissjoni liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħatalu żmien xieraq biex jaħseb fuq l-ammissjoni.**

Minn dan is-sommarju jirriżulta li

(1) l-Qorti tal-Maġistrat għamlet dak kollu possibbli biex tħaffef il-kumplilazzjoni u saħansitra semgħet ix-xhieda fl-assenza tal-imputat.

(2) Li l-imputat ammetta l-imputazzjoni kontrih tliet darbiet. L-ewwel darba li ammetta kien fit-13 t'April, 2011.

(3) Minħabba li fit-18 ta' Lulju, 2012, il-provi kellhom jinstemgħu mill-ġdid biex ikunu sanati l-atti, u għalhekk il-kumpilazzjoni ġiet qisha bdiet dak in-nhar,  allura l-ammissjoni magħmula mill-imputat f'din id-data ma tistax titqies tardiva.

Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' s-sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali li l-ammissjoni tal-appellat saret tard.

### 3. It-talba tal-Avukat Ġenerali għal bdil fil-piena.

Il-Qorti nnutat li r-referenzi għas-sentenzi magħmula mill-Avukat Ġenerali kienu kollha appelli magħgmula minn xi

ħati li kienet imposta fuqu sentenza ta' priġunerija sospiża li imbagħad, fost talbiet oħra, jkun talab li s-sentenza ta' priġunerija effettiva tinbidel f'waħda ta' priġunerija sospiża.

Min-nħa tad-difiża l-aktar li tispikka hija 'Il-Pulizija vs Josef Galea' tad-29 ta' Settembru, 2010. Iżda f'din is-sentenza l-appell ukoll kien sar mill-ħti u mhux mill-Avukat Ġenerali u l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat 'il-conditional discharge' mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. L-istess għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Alexander Micallef' (ċitata mill-Avukat Ġenerali) fejn din id-darba il-Qorti tal-Maġistrati kienet imponiet sentenza ta' priġunerija effettiva u l-Qorti kkonfermata ħlief li naqqset xahrejn minnha wara li kkonsidrat talba għall-maħfra.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-massima li 'bħala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena għandha tkun ta' priġunerija b'effett immedjat' hija massima tajba minħabba li kull persuna għandha dritt li ħadd b'xi mod ma jhedded ħajjitha jew inkella il-fiżiku tagħha.

B'danakollu f'kull każ min juġġudika jinħtieġ li jkollu bżonn diskrezzjoni sabiex jara jagħżilx jimxix mal-massima msemmija jew le.

F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni stess qalet li l-piena kienet fil-parametri tal-Liġi.

Din il-Qorti qieset li it-tieni, it-tielet, u r-raba' imputazzjoni huma 'assorbiti' (konkursus formali jew ideali)[2] fl-ewwel imputazzjoni waqt li l-aħħar imputazzjoni hija ta' natura kontravenzjonali.

Ukoll jekk wieħed iqis il-piena kkontemplata fl-artikolu 218 (ara l-ewwel imputazzjoni), dan jikkontempla minimu ta' disa' xhur priġunerija. Isegwi li meta l-Ewwel Onorabbli Qorti imponiet sentejn priġunerija, il-piena imposta kienet

[2] Ara 'Notes on Criminal Law' Part I by Professor Sir Anthony Mamo.page 151: 'Two elements are necessary to constitute thsi form of ideal concursus: one fact and several violations of the law.'

fil-parametri tal-liġi wkoll meta tkun ikkontemplata l-piena fir-reati l-oħra.

Din il-Qorti qieset kif seħħew il-fatti kollha skont dak li jirriżulta mill-proċess u għarblet sew x'qalet il-vittma. Tassew li m'hemm xejn x'jiskuża l-aġir tal-appellat iżda min-naħa l-oħra din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm bżonn xi intervent da parti tagħha sabiex tinbidel il-piena. Din il-Qorti hija soddisfatta li l-Qorti tal-Maġistrati ħadet il-kawteli kollha (saħansitra reġgħet riedet tisma' l-vittma). Jirriżulta biċ-ċar li l-Qorti tal-Maġistrati kienet qed tiżen sew x'piena għandha tingħata f'dan il-każ.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u għalhekk qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha inkluża l-Ordni ta' Protezzjoni.
Il-Qorti qed twissi lill-appellat li jekk huwa jwettaq xi reat matul it-tliet snin li ġejjin li jibdew għaddejin mil-lum, allura l-piena ta' priġunerija sospiża ssir waħda effettiva.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------